Miss Korah ley
Malta Talent Contest
16th & 17th January 1971.

1732 1960

# Manoel Theatre

CREMONA

321

# DINE AND DANCE

*in the Mediterranean Room*

**Sheraton - Malta Hotel**

*EVERY FRIDAY & TUESDAY*

*from 8 p.m. — Table d'Hote Menu*

music of our resident pianist.

27/6

Now you can dine and dance in style at the Mediterranean Room every Friday and Tuesday evening.

There's a delightful choice of Appetisers, Soups, Hot or Cold Main Dishes, a selection of Sweets, inclusive of coffee — 27/6.

Before dining enjoy a cocktail in the comfortable Tamarisk Bar whilst relaxing to the music of our resident pianist.

**Sheraton-Malta Hotel**




Sole Importers: PAOLO BONNICI & Co., Marsa and Valletta. Tel. 24069, 217 57, 29363.

MALTA TALENT ARTISTES

tipprezenta

# NISA KOROH

maqlub għall-Malti minn

CHARLES ATTARD

mid-Dramm fi tliet Atti

## DONNE BRUTTE

ta'

## ACHILLE SAITTA

## FIT-TEATRU MANOEL

**Nhar is-16 u 17 ta' Jannar, 1971**

**NISA KOROH**, minn 'Donne Brutte' ta' ACHILLE SAITTA, minħabba li jittratta dwar il-kruha ta' mara — Sara u bintha Ada — ma jistax jonqos minn element drammatiku mill-aqwa.

ACHILLE SAITTA b'dan id-dramm kiseb suċċess kbir mhux biss fl-Italja imma wkoll f'artijiet oħra fosthom fil-Brażil u l-Arġentina.



## Traduzzjoni ta' CHARLES ATTARD.

Magħruf għal kitba tal-palk u tar-radju, twieled fis-26 ta' Marzu 1915. Huwa studja fil-Liceo u wara mpjega ruħu mal-Gvern. Il-lum huwa Senior Fisheries Officer fid-Dipartment tas-Sajd. Tista' tgħid li Charles medd idejh kważi għall-frieghi kollha tal-Letteratura, iżda l-addattazzjonijiet ta' kotba Klassiċi għall-Palk Malti jiġu l-ewwel fil-lista. Minbarra dawn kiteb xi atti uniċi meħudin minn kapulavuri ta' awturi magħrufin.

L-għadd sabieħ ta' radjudrammi u serials li kiteb Charles, dan l-aħħar ġie wkoll magħruf mill-kumpanija tad-Rediffusion u ngħata l- premju għall-awtur li kiteb il-mitt radjudramm.

Żewġ oqsma oħra letterarji fejn Charles ħaddem il-pinna tiegħu b'suċċess huma l-għadd ta' novelli u t-traduzzjonijiet ta' 'plays' Ingliżi u Taljani għall-Malti bħal m'hi "Nisa Koroħ"

Kieku kellna nsemmu x-xogħlijiet kollha ta' Charles Attard irridu aktar minn din il-paġna.

## Direzzjoni ta' TWANNY SCALPELLO.



TWANNY SCALPELLO: wieħed mill-atturi ewlenin ta' żminijietna beda l-karriera fil-qasam tal-palk malti meta kien għadu tifel. F'dawn l-aħħar 28 sena deher fuq kull palk tat-teatri Maltin u ħadem ma' l-aqwa atturi u attriċi. "Dell tad-Destin" ta' W. Born, "Huwa" ta' G. Muscat Azzopardi, "Erwieħ Marbuta" ta' G. Diacono, huma tlieta mill-għadd kbir ta' drammi li ħa sehem fihom. Fil-film "Malta Story" Twanny ħadem parti ta' qassis u ħadem ukoll f'xi 'serials' tal-B.B.C./T.V. Huwa wkoll kellu partijiet f'sitt teleplays lokali. Twanny ġie ppremjat f'diversi konkorsi tad-drama. Mis-semmiegħa tar-Rediffusion huwa magħruf mhux ftit għax l-għadd ta' radjudrammi u serials li ħa sehem fihom huwa tassew kbir.

Wara kollox Twanny bħala attur m'għandux bżonn ta' l-ebda ntroduzzjoni — huwa tabilħaqq attur bravu u kapaċi — iżda bħala direttur ta' 'play' għal-Palk ser narawh għall-ewwel darba f'Nisa Koroħ. L-entużjażmu, id-dedikazzjoni u d-dixxiplina li wera waqt il provi, hija kważi garanzija li Twanny jkun suċċess ukoll bħala direttur.

# NISA KOROH

*JIEĦDU SEHEM fl-ordni kif jidħru:*

| | |
|---|---|
| *Sara* ... | MARY CACHIA CAMILLERI |
| *Leo* ... | KARMENU GRUPPETTA |
| *Ada* ... | *JOSEPHINE MAHONEY* |
| *Alessio* ... | ROBERT SCALPELLO |
| *Jolly* ... | INEZ FARRUGIA |
| *Miss Bitterly* ... | *RINA POLITI* |

Direttur
TWANNY SCALPELLO

**GĦAL MALTA TALENT ARTISTES**

| | |
|---|---|
| *Direttur tal-palk* ... | PUBLIUS CARUANA |
| *Assistent* ... | CARMEL MICALLEF |
| *Xenarju mpinġi minn* ... | MICHAEL STROUD |
| *Irtokk* ... | PAWLU BUGEJA |
| *Box office* ... | MARVIE SULLIVAN |

**GĦAT-TEATRU MANOEL**

| | |
|---|---|
| *Xenarji mibni minn* ... | EMANUEL DALLI<br>FRANS MIFSUD |
| *Dwal* ... | JOHN LAUS |
| *Effetti tekniċi* ... | JOE AZZOPARDI |
| *Box office* ... | MARIA BUGEJA |

*Xena (l-ewwel u t-tieni att)*
Ġnien ta' dar għall-btala qalb il-muntanji

*Xena (it-tielet att)*
L-appartament (salott) ta' Sara

*L-ewwel att:*
Qrib il-Ħarifa — jum wara nofs in-nhar

*It-tieni att:*
Xahar wara — jum fil-għodu

*It-tielet att:*
Xahrejn wara — jum fil-għaxija

# DWAR L-ATTURI

MARY C. CAMILLERI: Bdiet il-karriera tal-pa k fl-1950 għalkemm qabel kienet diġa ħadet sehem f'xi attivitajiet l-Ingilterra. Mary li hija karatterista mill-aħjar, ħadmet fuq il-palk ta' diversi teatri u swali fosthom f'dan it-Teatru, fl-Universita, fid-De- Porres Hall u fl-Istitut Kattoliku. 'Madame X' 'Edwina Black' u The 'Heiress' huma fost l-aktar għall-qalb. Minbarra l-palk Mary Camilleri wkoll ħadet sehem f'teleplays u f'għadd sabieħ ta' radio plays u serials. Dan l-aħħar ingħatat il-premju ta' l-aħjar attriċi tar-Rediffusion.

KARMENU GRUPPETTA: Ilu fil-karriera tal-palk għal dawn l-aħħar għoxrin sena u huma ta 'għadd kbir il-karattri li nterpreta kemm fuq il-palk fit-Teatri u s-swali ta' Malta kollha, fuq it-Television u r-radju. L-akbar u l-aktar parti diffiċli kienet dik ta' Menz, fil-play ta' l-istess isem ta' Francis Ebejer f'dan it-Teatru. Karmenu ħareġ bl-unuri kollha.

Fl-1960 ir-'radio serial' li kiteb hu stess 'Dovik' intgħażel bħala l-aħjar ta' dik is-sena. Karmenu huwa ukoll karetterista mill-aqwa u fost l-aħjar atturi tat-Teatru Malti.

JOSEPHINE MAHONEY: Kien fl-1947 li bdiet tieħu sehem kemm fuq il-palk kif ukoll fuq ir-radju. Minn dak iż-żmien Josephine dejjem ħarset 'il quddiem u ħadet sehem għadd ta' drabi ma' diversi kumpaniji fuq il-palk u wkoll fuq ir-radju. Hija wkoll ħadet sehem f'żewġ teleplays.

Josephin ehija attriċi li tgawdi popolarità kemm mas-semmiegħa tar-Rediffusion kif ukoll ma' dawk li jħobbu l-palk.

INEZ FARRUGIA: Kienet għadha tifla ta' 8 snien meta taħt it-tmexxija tal-mibkija sinjura Ġuseppina Attard Monta'to, Inez kellha l-ewwel togħma tal-palk. Aktar tard kompliet tit-ħarreġ mis-Sinjura Mary C. Camilleri. Hija ħadet sehem f'għadd kbir ta' plays fuq il-palk, ir-radju u t-Television. L-aħħar 'play' tagħha f'dan it-Teatru kienet fi 'Stenna Sa Jidlam' — fejn fil-parti ta' Susie l-għamja kellha suċċess kbir.

Inez, waħda mill-aħjar attriċi li għandna, hija mhux biss brava imma wkoll iddixxip-linata.

RINA POLITI: Il-karriera ta' Rina bdiet fuq- ir-radju, fis-serial popolari ta' Patri W. Born — il-Ħajja Maltija, u aktar tard fuq il-palk f'operetta. Hija baqgħet tieħu sehem regulari f'għadd ta' radjudrammi u 'serials' u fuq il-palk mal-kumpaniji "Veritas" u mbagħad id-'Depor-rians'. Hija ħadet sehem ukoll fuq it-Television.

Rina hija attriċi dedikata u tieħu l-partijiet tagħha bl-akbar serjetà u nteress.

ROBERT SCALPELLO: Ma setax jonqos li Robert jiġri minn palk għall-ieħor ma' missieru, il-magħruf attur Twanny, ma jimxix wara l-passi tiegħu. Ta' 11-il sena kellu l-ewwel parti tiegħu f'Aħna li Ngħixu Wara' taħt id-direzzjoni tal-mibki Nosi Għirlando. Minn dak iż-żmien Robert ma ħares qatt lura, iżda baqa jieħu sehem f'diversi plays fuq il-palk u radjudrammi u serials.

Robert huwa attur żagħżugħ li joqgħod attent għad-direzzjoni u li tabilħaqq jieħu l-palk bis-serjetà.

*Il-Malta Talent Artistes tiżżiħajr lid-ditta DOLPHINE FORGE - tal-Pietà, għas-self ta' għamara tal-ħadid*


Decorative V Grooved Panelling
Polished Boards
*in*
**Teak Plain Cut, Oak, Sapele, Ash, Cherry, Clear Cedar and Walnut**
*Use these boards for decorating your*
**VILLA, HOTEL, RESTAURANT, TEA-ROOMS**
*SEE THEM AT:*
**FORESTALS LTD.**
88/89, Jetties Wharf, Marsa. Tel: 25728

**RECORD**
**THE RELIABLE**
**SWISS TIME KEEPER**
A PRODUCT OF THE LONGINES GROUP
*Sole Agents:*
**EMM. PACE & CO., LTD.**
78, ST. MARY STREET, SLIEMA — Dial 34575


Your glasses, please !......
Pepsi
at interval time.......
it's..........
PEPSI
PEPSI..
of course!